MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta tat-18 ta' Settembru, 2008

Mandat Numru. 2622/2001/1

Paul u Odette konjuġi **CHETCUTI**

**vs**

Peter u Maria konjuġi **AĠIUS**

**Il-Qorti:**

Rat ir-Rikors imressaq fl-14 ta’ Settembru, 2001, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li l-Qorti żżomm lill-intimati milli “jiddemolixxu, jalteraw jew imissu, *in toto* jew *in parte*, xi parti mill-ħitan jew pedamenti ta’ l-istruttura tad-dar matrimonjali tar-rikorrenti “Contadino”, 41, Triq Ħal Bajda, Żejtun”;

Rat id-degrieti tagħha tal-14 ta’ Settembru, 2001[1], u tal-20 ta’ Settembru, 2001[2], li bihom ordnat in-notifika lill-intimati, tat direttivi lill-partijiet u laqgħet provviżorjament (imma

[1] Paġ. 5 tal-atti
[2] Paġ. 2 tal-atti

għal żmien limitat) it-talba tar-rikorrenti, liema effetti ġġeddew b'degriet ieħor tagħha tal-11 ta' Ottubru, 2001[3];

Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fit-18 ta' Settembru, 2001, li biha laqgħu għat-talba tar-rikorrenti billi qalu li huma m'għandhom l-ebda ħsieb li jappoġġaw jew imissu mal-ħajt li jaqsam il-ġid tar-rikorrenti minn dak tagħhom, u dan għalkemm huma kisbu l-permessi meħtieġa mill-awtoritajiet u ħatru perit biex imexxihom sewwasew dwar ix-xogħlijiet li jeħtieġ li 'l quddiem isiru mal-imsemmi ħajt. Huma jtennu li l-għan tagħhom hu li kull xogħol isir kif titlob is-sengħa u bla ma jagħmlu ħsara lill-ġid tar-rikorrenti;

Semgħet ix-xhieda tal-partijiet u tax-xhud imressqin minnhom;

Rat ix-xhieda u l-provi dokumentali kollha mressqa mill-partijiet;

Rat il-verbali tas-smigħ bejn it-28 ta' Novembru, 2001 u s-16 ta' Jannar, 2002, li minnhom jirriżulta li l-atti ma kinux disponibbli għall-Qorti u ngħata ordni biex issir tfittxija għalihom;

Rat id-degriet mogħti fis-16 ta' Jannar, 2002[4], li bih u fuq talba tal-partijiet, il-Qorti ħatret lill-Avukat Kenneth Gulia bħala assistent ġudizzjarju tagħha biex jisma' x-xhieda in kontro-eżami;

Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Lulju, 2002, li bih u fuq talba tal-partijiet, tathom żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' Noti;

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fis-27 ta' Awwissu, 2002[5];

Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fil-11 ta' Ottubru, 2002[6];

---

[3] Paġ. 27 tal-atti
[4] Paġ. 79 tal-atti
[5] Paġġ. 129 sa 133 tal-atti
[6] Paġġ. 135 – 8 tal-atti

Rat l-atti kollha tar-rikors;

Rat id-degriet li bih ħalliet il-każ għall-provvediment;

***Ikkunsidrat:***

Tqis li r-rikorrenti jridu li jżommu lill-intimati b'xi mod imissu jew jagħmlu xi xogħlijiet mal-ħajt (qadim) li jifred ġidhom minn dak tal-istess intimati. Filwaqt li min-naħa tal-ġid tar-rikorrenti l-ħajt huwa parti mid-dar tagħhom, min-naħa tal-ġid tal-intimati l-ħajt huwa ħajt ta' ġardina;

Tqis li waqt is-smigħ tar-rikors, u minħabba xi kostatazzjonijiet li saru mill-periti mqabbdin mill-partijiet *ex parte*, tqanqlet il-kwestjoni dwar min minnhom hu tassew sid il-ħajt. Il-Qorti mhix sejra tidħol f'din il-kwestjoni f'din il-proċedura, u jidhrilha li kemm jekk ir-rikorrenti huma s-sidien waħdiena (minħabba titolu jew minħabba l-preżunzjoni maħsuba fl-artikolu 409(3) tal-Kodiċi Ċivili) u kif ukoll jekk il-ħajt huwa komuni bejn iż-żewġ partijiet, dan għandu jkun biżżejjed għall-finijiet tal-proċedura tal-Mandat biex isejjes l-interess u l-jedd tar-rikorrenti dwar it-talba tagħhom għall-ħruġ tal-Mandat. Min-naħa l-oħra, l-intimati ma jressqu l-ebda argument li l-ħajt huwa tagħhom biss;

Tqis li jirriżulta li l-ħajt, għalkemm qadim u mibni bil-mazkan, ma kellu l-ebda ħsara jew qagħda ta' tiġrif qabel ma l-intimati bdew ix-xogħlijiet;

Tqis li l-ħajt, bħall-bqija tad-dar tar-rikorrenti, hu binja qadima li r-rikorrenti nefqu ħafna flus biex tejbu bla ma naqqsu xejn mill-karatteristika awtentika ta' bini qadim;

Tqis ukol li, mix-xhieda tal-perit tal-intimati[7], ma hemm l-ebda garanzija li x-xogħol maħsub mill-intimati ma jistax iwassal għat-tiġrif tal-ħajt innifsu, u, b'konsegwenza ta' hekk tas-saqaf tad-dar tar-rikorrenti li jistrieħ fuq dak il-ħajt;

[7] Xhieda tal-AIC Rene' Buttiġieġ, f'paġġ. 102 – 4 tal-atti

Tqis li l-intimati jistqarru li biċċa mix-xogħlijiet il-ġodda ta' żvilupp li huma għandhom fi ħsiebhom li jagħmlu jinkludu "l-appoġġ mal-ħajt diviżorju li jifred l-art tal-esponenti mal-fond tar-rikorrenti" u li "l-kundizzjoni ta' dan il-ħajt hija tali li fl-istat li hu ma jistax isir xogħol miegħu"[8];

Tqis li l-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat[9];

Tqis li bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent ikun jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (*prima facie*) dawk il-jeddijiet. Il-ħtieġa li jintwera li l-parti li titlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dan ikollha *prima facie* l-jeddijiet pretiżi hija ħtieġa oġġettiva u mhux soġġettiva li tiddependi mid-diskrezzjoni tal-ġudikant[10]. Tali jedd jew jidher mad-daqqa t'għajn jew, għall-finijiet ta' dan il-Mandat, ma jeżistix;

Tqis li, minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din huwa mixtieq li tkun waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd;

Tqis li minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux normali ta' provediment legali[11]. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u

---

[8] Nota ta' Sottomissjonijiet f'paġ. 135 tal-atti

[9] Art. 873(1) tal-Kap 12

[10] App.Ċiv. **14.7.1988** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech pro et noe vs Manfre'*** (Kollez. Vol: **LXXII.ii.290**)

[11] Ara, Kumm. **22.9.1994** fl-Att tar-Rikors fl-ismijiet ***Anġelo Xuereb vs Marin Ħili***

b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;

Tqis, madankollu, li jekk kemm-il darba jintwera li l-ħaġa li r-rikorrent irid li jżomm li ma ssirx bil-ħruġ tal-Mandat tkun diġa' saret, ma jibqax lok biex it-talba tal-ħruġ tal-istess Mandat tintlaqa', ladarba l-iskop tat-twaqqif ikun inġab fix-xejn[12];

Tqis li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula hawn fuq u wara li fliet sewwa x-xhieda u r-rapporti tekniċi tal-periti taż-żewġ partijiet, jirriżultaw l-elementi maħsuba taħt l-artikolu 873 u ntwera, għall-anqas mad-daqqa t'għajn, li jekk kemm-il darba jitħalla li l-intimati jwettqu x-xogħol mal-ħajt diviżorju bħalma indikat mill-intimati li jixtiequ li jsir, x'aktarx se' sseħħ ħsara fil-ġid tar-rikorrenti u b'hekk iseħħ ukoll ksur irrimedjabbli ta' jedd li mad-daqqa t'għajn jidher li jgawdu fuq dak il-ħajt;

Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda tiddeċiedi billi:

**Tilqa' b'mod definittiv it-talba** tar-rikorrenti għall-ħruġ tal-Mandat minnhom mitlub, bl-ispejjeż kontra l-intimati.

Mogħti kameralment illum, 18 ta' Settembru, 2008.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[12] P.A. RCP **23.7.2001** fl-atti tar-Rikors għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet ***James Pearsall et noe vs Maurice Żarb Adami et noe***